

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher, C. Giolito u E. Montaguti, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-kovenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

Suġġett

L-ewwel nett, talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni illegalment naqset milli tieħu, minnaħa, deċiżjoni għaż-żamma, sa mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, taċ-ċittadinanza Ewropea ta' ċerti ċittadini tar-Renju Unit, li, f'dak il-mument, ma kellhomx in-nazzjonaliità ta' Stat Membru tal-Unjoni, indipendentement mill-konklużjoni jew le ta' ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' dan il-ħruġ, u, min-naħa l-oħra, deċiżjoni li tistabbilixxi diversi miżuri relatati mad-drittijiet ta' dawn iċ-ċittadini, fil-każ ta' tali ħruġ mingħajr il-konklużjoni ta' tali ftehim u, it-tieni nett, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha hija rrifjutat li tieħu deċiżjoni għaż-żamma taċ-ċittadinanza Ewropea tal-imsemmija ċittadini.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Harry Shindler u r-rikorrenti l-oħra li isimhom huwa inkluż fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħi.

(¹) ĠU C 383, 11.11.2019.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2020 – Sasol Germany et vs ECHA

(Kawża T-640/19) (¹)

(“Rikors għal annullament – REACH – Sustanzi ta’ tħassib serju ħafna – Stabbiliment ta’ lista ta’ sustanzi identifikati bil-għan ta’ inklużjoni eventwali fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 – Deċiżjoni li t-identifika s-sustanza 4-tert-butilfenol bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji previsti għall-inklużjoni fil-lista – Eċċeżżjoni ta’ inammissibbiltà – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Att li sempliċement jimplimenta d-deċiżjoni – Assenza ta’ interessa għuridiku – Inammissibbiltà”)

(2020/C 348/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sasol Germany GmbH (Hamburg, il-Ġermanja), SI Group – Béthune (Béthune, Franza) BASF SE (Ludwigshafen am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Mereu, P. Sellar u S. Saez Moreno, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (rappreżentanti: M. Heikkilä u W. Broere, aġenti, assistiti minn S. Raes, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni ED/71/2019 tal-ECHA, inkwantu din tinkludi s-sustanza 4-tert-butilfenol bħala sustanza ta’ tħassib serju ħafna fil-lista ta’ sustanzi identifikati bil-għan ta’ inklużjoni eventwali fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2007, L 136, p. 3, fil-ĠU 2008, L 141, p. 22, u fil-ĠU 2009, L 36, p. 84).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Renju tal-Isvezja u tal-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Sasol Germany GmbH, SI Group – Béthune u BASF SE huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), bl-eċċeżżjoni ta' dawk relatati mat-talbiet għal intervent.
- 4) Sasol Germany GmbH, SI Group – Béthune, BASF SE, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju tal-Isvezja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati mat-talbiet għal intervent.

(¹) ĠU C 406, 2.12.2019.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2020 – Wagenknecht vs Il-Kunsill Ewropew

(Kawża T-715/19) (¹)

("Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Ġlieda kontra l-frodi – Laqgħa tal-Kunsill Ewropew – Qafas finanzjarju pluriennwali – Regolament finanzjarju – Allegat kunflitt ta' interessi tar-rappreżentant tar-Repubblika Ċeka matul laqgħha tal-Kunsill Ewropew – Allegat nuqqas ta' azzjoni tal-Kunsill Ewropew – Artikolu 130 tar-Regoli tal-Proċedura – Interess ġuridiku – Locus standi – Teħid ta' pożizzjoni tal-Kunsill Ewropew – Tmiem għan-nuqqas li tittieħed azzjoni – Inammissibbilità – Artikolu 15(2) TUE – Rikors manifestament infondat fid-dritt")

(2020/C 348/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Lukáš Wagenknecht (Pardubice, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: A. Dolejská, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill Ewropew (rappreżentanti: A. Westerhof Löfflerová, A. Jensen u J. Bauerschmidt, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża għall-konstatazzjoni li l-Kunsill Ewropew illegalment naqas milli jieħu azzjoni fuq it-talba tar-rikorrent sabiex il-Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka, Andrej Babiš, jiġi eskluż mil-laqgħha tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2019 u minn laqgħat futuri dwar in-negozjati tal-perspettivi finanzjarji, minħabba l-allegat kunflitt ta' interessi tiegħu fil-konfront tar-rekwiżiti tal-Artikolu 325(1) TFUE u tal-Artikolu 61(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, u rettifikasi fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, bħala manifestament infondat fid-dritt.
- 2) Lukáš Wagenknecht huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 54, 17.2.2020.